14. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw l-applikazzjoni selettiva tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ([1]) u l-Istrument Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokrazija ([2]) għall-Belarus billi jingħata aktar appoġġ lis-soċjetà ċivili tal-Belarus u, b'mod partikolari, biex tiżdied l-għajnuna finanzjarja lill-midja indipendenti, lill-NGOs u lill-istudenti tal-Belarus li jistudjaw barra l-pajjiż; jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Kummissjoni lill-Università tal-Istudji Umanistiċi Ewropej tal-Belarus li tinsab f'eżilju f'Vilnius (il-Litwanja); jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jitolbu lill-gvern tal-Belarus jagħti sinjal ta' volontà tajba u ta' tibdil pożittiv billi jippermetti li l-Università tal-Istudji Umanistiċi Ewropej li tinsab f'eżilju f'Vilnius tirritorna b'mod legali fil-Belarus u terġa' tistabbilixxi ruħha f'kundizzjonijiet adegwati għall-iżvilupp futur tagħha f'Minsk; Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jagħtu appoġġ finanzjarju lis-stazzjon televiżiv indipendenti tal-Belarus Belsat;

15. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu miżuri ħalli jtejbu l-ambjent tan-negozju, il-kummerċ, l-investiment, l-infrastuttura tal-enerġija u tat-trasport u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri bejn l-UE u l-Belarus, sabiex ikun hemm kontribut għall-benesseri u l-prosperità taċ-ċittadini tal-Belarus, kif ukoll għall-abilità tagħhom li, f'dan il-kuntest, jikkomunikaw mal-UE u jivvjaġġaw b'mod ħieles lejn l-UE;

16. Jisgħobbih għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Belarus li ripetutament jiċħdu viżi ta' dħul lill-membri tal-Parlament Ewropew u l-parlamentari nazzjonali f'dawn l-aħħar ftit snin; jitlob lill-awtoritajiet tal-Belarus biex ma joħolqux iktar xkiel li jżommu lid-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li jaħdmu favur ir-relazzjonijiet mal-Belarus, milli jżuru l-pajjiż;

17. Jilqa' r-rieda tan-nazzjon tal-Belarus biex jipproteġi l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-pajjiż tiegħu;

18. Jilqa' l-approċċ li ħadu s'issa l-awtoritajiet tal-Belarus, minkejja l-pressjoni enormi, biex ma jirrikonoxxux l-indipendenza unilaterali ddikjarata mill-Ossetja t'Isfel u mill-Abkażja;

19. Jinkundanna l-fatt li l-Belarus huwa l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għad għandu l-piena tal-mewt, li tmur kontra l-valuri Ewropej;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Assembleji Parlamentari tal-OSCE u l-Kunsill tal-Ewropa, lis-Segretarjat tal-Komunità tal-Istati Indipendenti u lill-Parlament u l-Gvern tal-Belarus.

([1]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.

## Aġenda tal-Iżvilupp ta' Doha tad-WTO

P6_TA(2008)0471

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġejjieni tal-Aġenda tal-Iżvilupp ta' Doha tad-WTO**

(2010/C 9 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tal-14 ta' Novembru 2001,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu rigward l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA),

— wara li kkunsidra d-Dokument Finali tas-Sessjoni Annwali 2008 tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, adottat b'kunsens fit-12 ta' Settembru 2008 f'Ġinevra,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**Il-Ħamis, 9 ta' Ottubru 2008**

A. billi l-laqgħat ministerjali tad-WTO maħsuba biex jikkonkludu r-Rawnd ta' Doha għall-Iżvilupp ("Rawnd ta' Doha") twaqqfu fl-aħħar ta' Lulju tal-2008,

B. billi n-negozjati waqfu f'Ġinevra f'Lulju tal-2008; billi nkiseb xi progress fuq ċerti kwistjonijiet, filwaqt li kwistjonijiet importanti oħra għall-konklużjoni ta' modalitajiet sħaħ ma ġewx indirizzati fil-ftehima ta' qafas,

C. billi l-interessi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikulari l-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), kif ukoll l-impenn tal-membri kollha tad-WTO għar-Rawnd ta' Doha, għandhom jinżammu fil-qalba tan-negozjati,

D. billi n-nuqqas li jiġi finalizzat ir-Rawnd ta' Doha jwassal għal żieda fl-inċertezza tal-ekonomija globali preżenti u jista' jipperikola l-kredibilità tas-sistema tal-kummerċ multilaterali u dan imbagħad iwassal għal qabża favur ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali,

1. Jesprimi id-diżappunt u t-tħassib tiegħu għall-fatt li t-taħdidiet ministerjali tad-WTO f'Lulju 2008 kellhom jitwaqqfu;

2. Itenni l-impenn sħiħ tiegħu għall-istrateġija multilaterali għall-politika kummerċjali u sabiex id-WTO tkun tista' tiggarantixxi riżultat komprensiv, ambizzjuż u bbilanċjat għall-kummerċ internazzjonali b'rispett sħiħ għall-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti;

3. Huwa konvint li fil-kuntest preżenti, ikkaratterizzat bi kriżi ekonomika u finanzjarja, konklużjoni pożittiva tar-Rawnd ta' Doha tista' tkun fattur li jwassal għal stabilità;

4. Jemmen li jiġri x'jiġri fil-kuntest tal-progress tad-DDA, id-WTO, flimkien mal-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħra, għandha bżonn tindirizza, b'mod konsistenti u urġenti, l-isfidi globali l-ġodda li fihom il-kummerċ għandu parti importanti, bħas-sigurtà tal-ikel, l-enerġija, l-Għajnuna għall-Kummerċ u l-bidla fil-klima;

5. Huwa konxju bis-sħiħ tad-diffikultajiet tal-prinċipju ta' Impenn Uniku; jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar sa issa matul in-negozjati, liema progress għandu jipprovdi bażi importanti u kkonsolidata għal-laqgħa li jmiss sabiex jitkompla r-Rawnd ta' Doha u sabiex jinkiseb riżultat ta' suċċess;

6. Jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti tal-Amerka, kif ukoll lill-G20 bħala parteċipanti ekonomiċi ġodda importanti, biex jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom fin-negozjati attwali, biex jirrispettaw bis-sħiħ l-ispirtu tar-Rawnd ta' Doha u biex jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehim kemm jista' jkun malajr; għal darb'oħra jenfasizza l-importanza tad-divrenzjar bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi emerġenti;

7. Jistieden lill-Indja u lill-Istati Uniti tal-Amerka biex isibu soluzzjoni politika għall-kwistjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' Mekkaniżmi ta' Salvagwardja Speċjali (SSM) biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn il-kummerċ u t-tħassib tas-sigurtà tal-ikel, sabiex tkun tista' ssir kontinwazzjoni tan-negozjati tad-DDA f'Ġinevra dwar kwistjonijiet oħra pendenti;

8. Jitlob lill-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw aktar avvanzati biex isegwu l-inizjattiva Kollox barra l-Armi tal-UE, li toffri aċċess għas-suq mingħajr l-ebda dazju u mingħajr l-ebda kwota għall-LCDs; jenfasizza wkoll l-importanza tal-Għajnuna għall-Kummerċ;

9. Jemmen li l-bżonnijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u speċjalment ta' LDCs għandhom jingħataw prijorità fin-negozjati tad-DDA, filwaqt li l-iżvilupp ikun fil-quċċata tal-kunsiderazzjonijiet kollha;

10. Jemmen li d-diffikultajiet marbuta mad-DDA jenfasizzaw il-bżonn, ladarba r-Rawnd ta' Doha jintemm, biex tkun indirizzata b'urġenza l-kwistjoni tar-riforma tad-WTO sabiex tkun aktar effettiva u trasparenti u biex titjieb il-leġittimità demokratika, ir-responsabilità, it-trasparenza l-inklussività u l-integrità tagħha fl-istruttura usa' tal-governanza globali; jemmen li l-parlamentari għandhom jeżerċitaw skrutinju saħansitra aktar rigoruż u effettiv fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali;

11. Itenni l-bżonn ta' għajnuna teknika mmirata u l-bini tal-kapaċità biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu megħjuna jinvolvu ruħhom effettivament fid-DDA;

12. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex jistabbilixxu ftehima fl-ispirtu tat-Trattat ta' Liżbona sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament fin-negozjati internazzjonali tal-UE;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lid-Direttur Ġenerali tad-WTO.

---

## L-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea

P6_TA(2008)0473

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea (2008/2074(INI))**

(2010/C 9 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 bl-isem "Li tindirizza l-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u l-perjodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea" (COM(2007)0414) ("il-Komunikazzjoni"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ([1]) ("id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma"),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-impatt u l-istudji mħejjija mill-Istitut għall-Politika Ambjentali Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2003 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immaniġġjar tal-ilma fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-prijoritajiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (nirien tal-foresti, nixfa u għargħar) — l-aspetti agrikoli ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għall-Agrikoltura (A6-0362/2008),

A. billi l-kwistjoni tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa mhix limitata ġeografikament għall-Unjoni Ewropea iżda għandha riperkussjonijiet internazzjonali u hija problema globali; billi diġà jeżistu kunflitti internazzjonali dwar l-ilma u hemm perikolu dejjem jikber li dawn jiżdiedu fil-frekwenza,

B. billi l-ilma huwa essenzjali għall-ħajja u huwa prodott komuni li m'għandux jiġi mminimizzat għal sempliċiment prodott bażiku; billi l-politika kollha dwar l-ilma għandha tkun immexxija mill-assigurazzjoni li kulħadd ikollu aċċess ġust għall-ilma, inklużi l-ġenerazzjonijiet futuri,

C. billi l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa jirrappreżentaw sfida maġġuri b'impatti soċjo-ekonomiċi u ambjentali relevanti fl-UE; billi l-impatt ekonomiku totali tan-nixfa fil-livell tal-UE fl-aħħar 30 sena hu stmat għal EUR 100 biljun,

D. billi l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa diġà jaffettwaw diversi partijiet tal-UE b'madwar għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni tal-UE li tgħix f'pajjiżi li r-riżorsi tal-ilma tagħhom jgħaddu minn stress,

([1]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
([2]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 430.
([3]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 363.